**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-27 ta' Jannar, 2017**

**Talba numru 230/2016 AM3**

**Lista Numru: 45**

**Go plc (C22334)**

**Vs**

**Joel Grima (132178M)**

**89, Triq il-Knisja,**

**Paola**

It-Tribunal,

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-21 ta' Gunju, 2016 illi permezz tiegħu s-Soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' erba' mija u tmienja u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€448.41c) liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' internet fuq 21807046 liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40116146.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, u deher ghas-seduta tal-25 ta' Novembru, 2016 u talab li jinghata zmien biex jikkontesta t-talba. It-Tribunal skont il-verbal tal-istess seduta laqa' it-talba tal-konvenut u akkordalu tmintax-il jum zmien mid-data tal-25 ta' Novembru, 2016 sabiex jipprezenta r-risposta tieghu u halla l-kawza ghas-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017. Izda l-konvenut la deher u lanqas ipprezenta r-risposta tieghu u ghalhekk fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 t-Tribunal ddikjara lil konvenut kontumaci.

Ra x-xhieda permezz ta' l-affidavit ta' Mary Anne Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu u d-dokumenti esebiti mal-avviz tat-talba.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-Soċjeta` attriċi s-somma ta' erba' mija u tmienja u erbghin ewro u wiehed u erbghin centezmu (€448.41c) bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribli mill-21 ta' Gunju, 2016 d-data tal-prezentata ta' din il-kawza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż ta' kwalsiasi ittra uffiċjali relatata mal-ammont mitlub f'din il-kawza, huma a kariku tal-konvenut

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**